



Brussell, 28 ta' Novembru 2016
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0277 (COD)

13505/1/16
REV 1 ADD 2

LIMITE

AVIATION 215
CODEC 1490
RELEX 867

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Nru. dok. preċ.:	13505/1/16 REV 1 AVIATION 215 CODEC 1490 RELEX 867
Nru dok. Cion:	14991/15 AVIATION 152 CODEC 1667 RELEX 1014 + ADD 1-5
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni konġunta li saret minn IT u BE fil-laqgħa tal-COREPER tas-16 ta' Novembru 2016, li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-COREPER/Kunsill.

Dikjarazzjoni mill-Italja u l-Belġju dwar l-Art. 109 (f)

L-Italja u l-Belġju ppruvaw isalvaw l-Artikolu 109(f) billi pproponew żewġ testi ta' kompromess bl-għan li jsir użu razzjonali tar-riżorsi u ta' newtralità fl-ispejjeż fir-rigward tal-imposti tal-Eurocontrol, għall-utenti tal-ispazju tal-ajru.

L-Italja u l-Belġju huma favur li l-kompiti superviżorji marbuta mal-kompiti regolatorji, għajr attivitajiet ta' tfassil tar-regoli, imwettqa mill-EASA fil-qafas tas-sistema ta' prestazzjoni tal-ATM/ANS, għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' imposti fuq l-utenti tal-avjazzjoni. Li tiġi rifjutata l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-kompiti tal-awtorità tal-ATM/ANS żviluppati mill-Aġenzija tippenalizza lill-kontribwenti tat-taxxa tal-UE.

Fl-istess ħin, l-Italja u l-Belġju jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali lill-EASA biex tieħu ħsieb l-attivitajiet ta' tfassil tar-regoli tal-ATM/ANS. Dan jista' jiġi ffinanzjat fuq bażi temporanja permezz tas-sistema ta' imposti fuq l-utent, dment li tiġi garantita n-newtralità fl-ispejjeż. Madankollu, finanzjament permanenti ta' attivitajiet ta' tfassil tar-regoli permezz ta' imposti fuq l-utent għandu jiġi estiż għas-simetrija fir-rigward ta' oqsma oħra tal-avjazzjoni.

Flinnkien ma' daww l-Istati Membri li appoġġaw it-tieni proposta ta' kompromess tagħna, l-Italja u l-Belġju jirrikonoxxu wkoll li grupp ta' Stati Membri esprimew l-intenzjoni tagħhom li jżommu din il-possibbiltà u jistabbilixxu l-pożizzjoni finali tagħhom abbażi tal-pjan direzzjonali pan-Ewropew tal-Kummissjoni-EASA-Eurocontrol li l-għan tiegħu kien li jiċċara l-kompiti li ġew ittrasferiti mill-Eurocontrol għall-EASA sabiex tiġi evitata duplikazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

L-imposti fuq l-utent għall-EASA għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-proċeduri tas-Sistema ta' Prestazzjoni tal-ATM/ANS, li jfisser l-iżvilupp ta' Pjan ta' Prestazzjoni speċifiku tal-EASA. B'mod simili għal dak li jiġri fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Eurocontrol, l-Istati Membri għandhom jiġbru l-flus u mbagħad jagħtu lill-EASA.

L-Italja u l-Belġju jirrikonoxxu wkoll li l-Art. 109 (f) ġie appoġġat mill-Parlament Ewropew, jiġifieri mill-maġġoranza kbira tal-Gruppi politiċi u d-delegazzjonijiet nazzjonali waqt il-vot tal-Kumitat dwar it-Trasport tal-PE fl-10 ta' Diċembru li għadda.
